**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 t' Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Errol Grech**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Errol Grech ta' 41 sena iben Grezzju u Antonia nee' Mifsud imwieled Tal-Pieta nhar it-28 t' Awwissu 1979 u residenti 75, Triq il-Kbira, iz-Zejtun u detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 410979M

Akkuzat talli fiz-Zejtun u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar il-5 t' Awwissu 2021 u/jew fil-granet ta' qabel:

1. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew id-ditorni tieghu, xi arma tan-nar, jew munizzjoni li huma elenkati f'Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att

2. Garr arma tan-nar kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma kienitx fl-ghata taghha, jew spara l-istess arma tan-nar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq principali

3. Spara arma tan-nar u volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-detriment ta' George Baldacchino u/jew persuni ohra

4. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor u cioe lil George Baldacchino biza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra propjeta tieghu jew kontra l-persuna jew propjeta ta' axxendenti jew dixxendenti

5. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra u cioe lil George Baldacchino jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dak ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna

6. Ghamel lil George Baldacchino ingurji u theddid iehor jew jekk kien provokat ingurjah b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

7. Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor

8. Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

9. Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti b'digriet tal-helsien mill-arrest minn Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Dr. Giovanni Grixti nhar il-5 t'April 2021 jew naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta fuqu

10. Irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni a favur ta' George Baldacchino ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta ta' George Baldacchino ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tipprojbixxi li l-hati jkollu xi licenzja taht l-Att dwar l-armi skond Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 t'April 2022 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

   1. Fl-Artikoli 5(1), 51(2), 56, 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
   2. Fl-Artikoli 18(2), 27(1)(2) tal-Kapitolu 549.42 (Ligi Sussidjarja) tal-Ligijiet ta' Malta;
   3. Fl-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   4. Fl-Artikoli 251(1)(2)(3), 251B(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   5. Fl-Artikoli 251A (1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   6. Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   7. Fl-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   8. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   9. Fl-Artikoli 579(1)(2)(3)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   10. Fl-Artikoli 49,50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
   11. Fl-Artikoli 17, 18, 31, 383, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigi trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat li fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2022, din il-Qorti issollevat ex officio il-kwistjoni jekk l-imputat kienx fi stat ta' genn meta gew kommessi r-reati u hatret lill-Psikjatra Dottor George Debono bhala espert sabiex jezamina lill-imputat u jirrelata jekk l-imputat kienx fi stat ta' genn fiz-zmien li fih gew kommessi r-reati.

6. Semghet il-provi dwar il-kwistjoni tal-genn tal-imputat.

7. Semghet ix-xhieda tal-espert Psikjatra Dottor George Debono u r-rapport minnu pprezentat.

8. Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-31 t'Awwissu 2022 fejn qablu li wara x-xhieda tal-espert psikjatra Dottor George Debono, il-kawza tista tigi differita ghas-sentenza.

**Il-Fatti**

9. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Fit-18 ta' Lulju 2021 ghall-habta tas-seba' neqsin ghoxrin ta' fil-ghodu (6.40a.m.), George Baldacchino irrapporta l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun li kien sab xi hsarat mal-vettura tieghu tat-tip Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni WWW156. In oltre huwa qal li sab il-birra imwaddba mal-faccata kollha tar-residenza tieghu. Minkejja li l-Pulizija ghamlu l-investigazzjoni taghhom, ma setghux jaslu ghal min seta' kien wettaq dawn il-hsarat.

(ii) Tlett ijiem wara, u cioe fil-21 ta' Lulju 2021 ghall-habta tas-seba' neqsin ghaxra ta' fil-ghodu (6.50a.m.), George Baldacchino rega' irraporta l-Ghassa tal-Pulizija li xi ftit minuti qabel kellu incident mal-imputat, u li l-imputat kien heddu li se joqtlu wara li rah ikellem lil Mary Barbara, li tigi iz-zija tal-istess imputat. Baldacchino qal ukoll li fit-18 ta' Lulju 2021 kien gara l-istess fit-triq fejn joqghod l-istess Baldacchino, izda hu ma riedx jirrapporta l-kaz dak in-nhar. Qal ukoll li fis-16 ta' Lulju 2021, persuna mhux maghrufa ghamlitlu xi hsara fix-xatba tieghu, u fl-incident li kellhom fit-18 ta' Lulju 2021, l-imputat kien qallu li kien hu li ghamillu din il-hsara.

(iii) Il-Pulizija baghtu ghall-imputat dak-inhar stess. L-imputat ma nnegax li seta' kien hemm xi incident ma' George Baldacchino, pero imminimizzah billi qal li hu ihobb jiccajta u li ma ghandux problemi ma' nies.

(iv) Fl-24 ta' Lulju 2021 ghal habta tas-sebgha ta' fil-ghodu (7.00a.m.), George Baldacchino rega' irrapporta lill-Pulizija li kien sab hsarat max-xatba tal-ghalqa li kellu fiz-Zejtun. Il-hsarat kienu jikkonsistu f'li xi hadd qaccatlu zewg katnazzi li kellu ma' din ix-xatba.

(v) Fil-5 t'Awwissu 2021 ghall-habta tas-sitta u kwart ta' fil-ghodu (6.15a.m.) George Baldacchino rrapporta l-Ghassa li kellu hsara mal-bieb ta' barra tar-residenza tieghu. Meta l-Pulizija marru fuq il-post indunaw li l-hsara setghet kienet maghmula minn tir ta' senter tal-kacca, peress li instabet tazza ta' skartocc ezattament fuq l-ghatba tar-residenza. George Baldacchino qalilhom li ghal habta tas-siegha ta' fil-ghodu (1.00a.m.) kien sema' xi hoss, pero meta hareg jittawwal, ma ra xejn. Il-Pulizija raw il-filmati tas-CCTV li Baldacchino ghandu installati mar-residenza tieghu. Minn dawn il-filmati, irrizulta li ghal habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' fil-ghodu (1.40a.m.) tieqaf karozza, tixghel il-hazard lights quddiem din ir-residenza, u jidher li kien hemm xi forma ta' tir hiereg mill-karozza ghal gol-bieb tar-residenza.

(vi) Il-vettura li kienet tidher fil-filmati kienet tal-ghamla Honda, pero in-numru ta' registrazzjoni ma kienx jidher peress li kien hemm il-hazard lights mixghulin. Din il-vettura kellha l-windscreen ta' wara maghluq kollu bit-tape. Peress li din il-vettura kellha hsarat partikolari, il-Pulizija issusspettaw li l-vettura setghet kienet dik li kien juza l-imputat, li kellha hsarat identici. Din il-vettura instabet ipparkjata ftit il-fuq mir-residenza tal-imputat. Mil-filmati tas-CCTV installata faccata tar-residenza ta' George Baldacchino, il-Pulizija setghu jaraw in-numru ta' registrazzjoni tal-vetttura Honda – MAR-324 – li kien l-istess numru ta' registrazzjoni tal-vettura Honda li juza l-imputat.

(vii) L-imputat gie arrestat, u inghata d-drittijiet tieghu. Saret tfittxija fil-vettura Honda, fejn instab skartocc ta' lewn ahmar vojt fejn il-pedala tal-gas tal-vettura. Fit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat instab senter tal-kacca, u iktar skratac homor li huma l-istess bhal dak l-iskartocc li kien hemm fil-karozza.

(viii) Infethet inkjesta *in genere* dwar dan l-incident. L-imputat ma tax il-kunsens tieghu sabiex jittiehdulu kampuni intimi tieghu ghal finijiet ta' testijiet tal-Gun Shot Residue (GSR).

(ix) L-imputat kien inghata il-helsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali b'digriet tal-5 t'April 2021, u wahda minn dawn il-kundizzjonijiet kienet illi huwa jkun id-dar tieghu bejn il-hdax ta' bil-lejl (11.00pm) sas-seba' ta' fil-ghodu (7.00a.m.).

Ghalhekk, skond il-Prosekuzzjoni kien hemm ksur ta' dan id-digriet meta kien hemm l-incident fejn l-imputat hedded lil George Baldacchino ghax dan sehh fis-sebgha neqsin kwart ta' fil-ghodu (6.45a.m.) In oltre, il-gurnata tat-2 t'Awwissu 2021, huwa naqas li jiffirma l-ghassa kif kien obbligat li jaghmel.

(x) Ghaldaqstant ittiehdu dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

10. Id-difiza ma ikkontestat bl-ebda mod ix-xhieda u l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, u lanqas ressqet provi fir-rigward tal-meritu ta' dawn il-proceduri. Mix-xhieda u l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, kemm dawk diretti, kif ukoll dawk indiretti, u cioe dawk cirkostanzjali, jirrizulta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat ikkommetta r-reati li qieghed jigi mixli bihom.

11. Apparti x-xhieda tal-parti offiza George Baldacchino innifsu, mil-filmati tas-CCTV ezebiti ma hemmx dubbju li kien l-imputat li spara fuq il-bieb ta' residenza tal-imputat, waqt li kien qieghed isuq il-vettura Honda. Dan huwa korroborat ukoll bl-iskratac li nstabu fil-vettura u fir-residenza tal-imputat u s-senter tal-kacca li wkoll instab fir-residenza tieghu. In oltre, ghalkemm kienet xhud assai riluttanti, Mary Barbara, iz-zija tal-imputat, qalet waqt li Baldacchino kien qed jitkellem maghha, l-imputat gie fuqu u kellmu b'ton ta' glied, tant li hi bezghet u telqet tigri lil'hemm bil-karozza taghha.

12. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li dawn iz-zewg incidenti kienu b'xi mod provokati minn xi haga li ghamel George Baldacchino. Tenut kont taz-zmien qasir li kien hemm bejn id-diversi incidenti l-ohra li irraporta George Baldacchino lil pulizija, u l-modus operandi tal-imputat, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-hsarat li sab Baldacchino fil-vettura tieghu, fix-xatba tieghu u fil-katnazzi tax-xatba tieghu, saru wkoll mill-imputat.

13. Pero irid jinghad li fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, l-parte offiza George Baldacchino xehed li hu jahfer lill-imputat ghal dak kollu li ghamel.[1] Pero din id-dikjarazzjoni ftit li

[1] Ara fol. 343 tal-process.

xejn jista' jkollha effett fuq il-kwistjoni tar-responsabbilita tal-imputat ghar-reati li bihom jinsab mixli, billi l-maggoranza assoluta ta' dawn ir-reati huma prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio.* Fil-fatt l-uniku reat li jehtieg il-kwerela tal-parti offiza sabiex ikun prosegwibbli hija l-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali (is-sitt imputazzjoni dedotta kontra l-imputat), u konsegwentement, din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-reat.

14. Tul dawn il-proceduri, l-imputat inzamm taht arrest preventiv, u mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, l-imputat kien taht il-kura psikjatrika ta' Dr Joseph Roger Saliba, il-psikjatra tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi ta' Kordin. Mill-provi jirrizulta li l-imputat ghandu storja psikjatrika, u iddahhal l-isptar Monte Carmeli fl-2016 u fl-2019 bi problemi marbutin ma' xorb, kif ukoll abbuz ta' sustanzi illeciti, partikolarment il-kokaina. Meta rega' iddahhal l-isptar Monte Carmeli wara li nbdew dawn il-proceduri, il-Psikjatra Spiteri sab li kien psikotiku. Pero, l-imputat ma jaccettax li ghandu problemi ta' dipendenza fuq l-alkohol u x-xorb, u fil-fatt tul dawn il-proceduri ma ndirizzahom bl-ebda mod, ghalkemm kien qed jinghata l-appogg mehtieg mill-Agenzija tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghmel dan. Huwa ghandu wkoll problemi ta' anger management.

15. Fit-tielet darba li xehed f'dawn il-proceduri, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2022, il-Psikjatra Spiteri iddikjara illi il-psikosi tal-imputat *"ovvjament ghandha implikazzjonijiet ghal kemm kien responsabbli ghall-allegati incidenti, ghax jekk hemm kwistjoni ta' mard mentali ghandu mnejn li f'ghajnejn il-ligi ma huwiex responsabbli ghal dak li ghamel."*[2] Kien ghal din ir-raguni li fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2022, din il-Qorti ssollevat ex officio il-kwistjoni jekk l-imputat kienx fi stat ta' genn meta gew kommessi r-reati u hatret lill-Psikjatra Dottor George Debono bhala espert sabiex jezamina lill-imputat u jirrelata jekk l-imputat kienx fi stat ta' genn fiz-zmien li fih gew kommessi r-reati.

16. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghalkemm f'dak l-istadju tal-proceduri, hija kienet giet konvertita f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ma kienitx iktar Qorti Istruttorja, hija xorta kellha s-setgha li tossolleva din il-kwistjoni *ex officio*, ghax ghalkemm il-Kodici Kriminali ma jsemmi xejn dawn dan, il-kwistjoni tal-genn tal-imputat fiz-zmien li gew

[2] Ara fol. 334 tal-process.

kommessi r-reati hija kwistjoni ta' ordni pubbliku. Fis-sentenza **Sua Maesta il Re vs Alfonso Azzopardi** deciza fil-5 ta' Dicembru 1910 – fejn l-akkuzat ittenta jattakka l-validita ta' digriet tal-Qorti li ssollevat ex officio il-kwistjoni tal-genn tieghu - il-Qorti Kriminali irriteniet hekk:[3]

*"Che dall'indole di tali disposizioni, dall'essere cioe la pazzia dell'imputato o dell'accusato una circostanza scriminante e dall'essera di ostacolo a qualunque procedimento, sorge non solo legittimo il diritto, ma anche imprescendibbile il dovere della autorita giudiziaria di accertare lo stato mentale del giudicabile, quando dalle prove emerge un serio dubbio se egli sia stato insano di mente al tempo del reato, e se tale stato perdure al tempo del giudizio. Negare all'autorita giudiziaria tale diritto, sarebbe disconoscere uno dei principi fondamentali della giustizia penale ed esporre l'autorita stessa a concorrere scientemente e con cognizione di causa alla convinzione ed alla punizione di un individuo irresponsabile ed alla nullita del procedimento."* (ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Sua Maesta il Re vs Francesco Farrugia** deciza mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Jannar 1911).[4]

Ghalkemm dawn is-sentenzi setghu inghataw f'kuntest ta' procedura kriminali differenti minn dik tal-proceduri odjerni, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan ir-ragunament tal-Qorti Kriminali huwa validu anke ghal proceduri quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

17. Rigward din il-kwistjoni tal-genn tal-imputat, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-Psikjatra Joseph Spiteri, li l-imputat kien taht il-kura tieghu bejn is-snin 2016 u 2018, kif ukoll tal-espert mahtur minnha l-Psikjatra George Debono, kif ukoll rat ir-rapport ezebit minnu.

18. L-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Kull persuna tkun eżenti minn responsabbiltà kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas – (a) kienet fi stat ta' ġenn; ... ..."*

[3] Vol. XXI-I-5.
[4] Vol. XXI-IV-7.

19. Fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs David sive David-Norbert Schembri**, deciza fil-25 ta' Settembru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

*"Kif inhu risaput, l-espressjoni "stat ta' genn" fil-paragrafu (a) tal-Artikolu 33 tal-Kodici Kriminali ghandha sinjifikat legali li mhux necessarjament jattalja ruhu ma' dak li fil-medicina jew fil-psikjatrija jitqies bhala "genn". Kif jispjegaw l-awturi Jones u Christie fil-ktieb taghhom "Criminal Law"*[5]*:*

***"It is important to emphasise at the outset that insanity is a purely legal concept. It is not a clinical term derived from psychiatry or psychology. Insanity is not synonymous with any medical conception of mental disorder."***[6]

*Fi kliem iehor, persuna tista' tkun marida mentalment fil-mument li tkun ghamlet l-att ta' kommissjoni jew ommissjoni li jammonta ghall-element materjali tar-reat, izda dan ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna kienet fi "stat ta' genn" ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 33(a), cioe` tali li tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali. Biex ikun hemm l-istat ta' genn li jezenta mir-responsabbilta` kriminali jrid jirrizulta (imqar fuq bazi ta' probabbilita`, meta d-demenza tkun giet eccepita mill-akkuzat jew imputat u allura l-piz ikun fuqu biex jipprova l-fatt)*[7] *li l-akkuzat jew imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument tal-att ta' kommissjoni jew ommissjoni, huwa kien priv*[8] *(i) jew mill-kapacita` li jifhem in-natura u l-kwalita` ta' dak l-att li qed jaghmel, jew (ii) mill-kapacita` li jifhem li dak li qed jaghmel hu hazin, jew (iii) mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Marda tal-mohh – disease of the mind bl-Ingliz – mhux necessarjament tkun patologija lokalizzata fil-mohh – in the brain. Kif jispjega Lord Diplock fil-kaz ta' Sullivan [1984] AC 156, u b'referenza ghall-M'Naghten Rules – regoli, li wiehed m'ghandux jinsa, jirreferu biss ghall-kapacita` di intendere, mentri l-ligi taghna tikkunsidra wkoll jekk kienx hemm il-kapacita` di volere –*

[5] ***Jones, T.H. & Christie****, M.G.A.* ***Criminal Law****, Sweet & Maxwell (Edinburgh), 1992.*
[6] *op.cit. p.140, para. 8.13.*
[7] *Jekk, mill-banda l-ohra, tkun il-prosekuzzjoni li asseriet, permezz ta' rikors ghall-kontestazzjoni tal-fehma tal-periti prezentat fil-Qorti Kriminali skond l-Artikolu 402(5) tal-Kap. 9, li l-imputat ma kienx fi stat ta' genn fil-mument tal-att, allura tkun l-istess prosekuzzjoni li ghandha tipprova dan sal-grad tal-konvinciment morali.*
[8] *Ghall-kuncett ta' diminished responsibility ara, fost ohrajn,* ***Il-Pulizija v. Raymond Vella*** *App. Krim. 2/8/1999.*

***"The nomenclature adopted by the medical profession may change from time to time … … But the meaning of the expression 'disease of the mind' as the cause of 'a defect of reason' remains unchanged for the purpose of the application of the M'Naghten rules … … 'mind' in the M'Naghten rules is used in the ordinary sense of the mental faculties of reason, memory and understanding. If the effect of a disease is to impair these faculties so severely as to have either of the consequences referred to in the latter part of the rules[9], it matters not whether the aetiology of the impairment is organic, as in epilepsy, or functional, or whether the impairment itself is permanent or is transient and intermittent, provided that it subsisted at the time of commission of the act."[10]***

*U kif spjegat aktar fi Blackstone's Criminal Practice 2008:*

***"It can also be seen that to a large extent, whether something is a disease of the mind depends on the consequences it produces – impairment of the faculties of reason, memory and understanding[11]. The disease certainly need not be one primarily located in the brain if it produces the relevant consequences there. Thus arteriosclerosis (hardening of the arteries) causing temporary loss of consciousness is a disease of the mind for these purposes even though it is of physical rather than mental origin … … However not every cause of an impairment of these mental faculties is a disease of the mind. A disease is something internal to the accused and so: 'A malfunctioning of the mind of transitory effect caused by the application to the body of some external factor such as violence, drugs, including anaesthetics, alcohol and hypnotic influences cannot fairly be said to be due to disease' (per Lawton LJ in Quick QB 910 at p. 922, emphasis added)."[12]***

*L-istess jista' jinghad fil-kaz ta' dipendenza, anke wahda qawwija, fuq drogi – tali dipendenza fiha nnifisha ma tammontax ghal marda tal-mohh ghall-finijiet tal-Artikolu 33(a) imsemmi[13].*

---

9 *i.e. "…as not to know the nature and quality of the act he was doing…or…that he did not know he was doing what was wrong."*
10 *p. 172.*
11 *U fil-kaz taghna tal-kapacita` li wiehed jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att.*
12 *Para. A3.17, p. 45-46.*
13 *Fir-rigward ta' dipendenza fuq droga u krizijiet ta' astinenza fil-kuntest tal-Artikolu 33(b) u l-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali, ara* ***Il-Pulizija v. Grazio Spiteri*** *App. Krim. 7/7/1997.*

*Biex din il-Qorti tikkonkludi fuq dan l-aspett ser tikkwota minn dak li wiehed isib fl-appunti tal-Professur Sir Anthony Mamo:*

***"The question [of insanity], when it arises, is one of fact: it has, that is to say, to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree as to take away the capacity to know the nature of his act or to help doing it."***

20. Dan l-istess insenjament gie ikkwotat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament komposta) fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**, deciza fl-4 ta' Marzu 2010. F'din l-ahhar sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ziedet biss kwotazzjoni tal-awturi **Timothy Jones u Michael Christie**[14], b'riferenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza u li hi simili hafna ghal dik taghna:

*"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."*

21. Ghalhekk sabiex jigi ritenut li l-imputat kien fi stat ta' genn, mill-provi prodotti irid jirrizulta, ghall-inqas sal-grad tal-probabbli, li fil-mument li kkommetta r-reati, hu kellu marda tal-mohh, *a disease of the mind*, a differenza ta' *a disease of the brain.* Biex ikun hemm *a disease of the mind* dovuta ghal kawza jew kawzi fizici, dik il-kawza trid tkun effettivament ipprivat lill-imputat mill-kapacita li jaghraf *(capacita di intendere)* u/jew mill-kapacita li jaghzel *(capacita di volere).*

[14] **Criminal Law**, Sweet & Maxwell (Edinburgh) 1992.

22. Fir-rapport tieghu, l-espert psikjatra Dottor George Debono qal li l-imputat ghandu storja ta' psikosi mis-sena 2013, izda gie ammess darbtejn l-isptar, qabel dawn il-proceduri. L-ewwel ammissjoni kienet fit-18 ta' Frar 2017 meta gie ammess taht "observation order ghax kien qed jahseb li n-nies ser iweggawh, u t-tieni ammissjoni kienet fi Frar 2019 meta gie riferut ghall imgieba aggressiva waqt li kient xurban. Fir-rapport tieghu, Dottor Debono jghid hekk:

*"Meta ezaminajt lis-Sur Grech … … (k)ellu habta jitbissem hafna, ma kienx allucinat u fil-bidu deher illi ma kellux deluzjonijiet. Izda wara li pprovjat nidhol fil-fond tal-kas, huwa qal li dak issa spicca u ghadda "Hu hafirli u jien hfirtlu, u issa spicca kollox". Dan irrepetieh hafna drabi. Meta staqsejtu "int xi hfirtlu", xtaq li ma jirrspondiex, izda meta nsistejt f'daqqa wahda qalli "ghax ha nghidlek" ghax hu kien jidhaq bija ghax jippretendiha".*

*Hawnhekk nixtieq nirreferi ghax-xhieda li ta Dr Joseph Spiteri li kien jittrattah ghal xi sena u nofs jew sentejn minn 2016, fejn qal li kien ibati minn psikozi u li kien fuq il-kura. Hu qal li kellu paranoja fejn qal li n-nies kienu jidhku bih ghax ghandu marda tal-gilda. Izda meta rah l-ahhar, l-ghada li rajtu jien il-habs, rah tajjeb hafna, izda possibilment kien baqalu xi ftit paranoja."*

23. Dottor Debono kompla r-rapport tieghu hekk:

*"Peress illi l-imputat ma giex ezminat ftit wara li sar l-incident, wiehed ma jistghax ikun zgur jekk kienx fi stat psikotiku jew le. Izda meta wiehed jara l-fatti kif saru, hawnhekk ghanda erba reati wara xulxin li sehhew fi ftit granet bejniethom li wasslu ghal sparatura. Rati kollha marbutin ma' l-istess persuna minghajr l-ebda provokazzjoni.*

*… … Ta' min jinnota wkoll illi ftit wara ghal habta ta' Awissu u Settembru Dr Joseph Spiteri, l-psikjatra tal-habs, sabu li qed isofri minn psikozi, li aktarx kienet pjuttost qawwija ghax tah 600mg Quitiepin, li hu antipsychotic li dawn huma dozi kbar li jindikaw l'istat mentali li kien fih dak in-nhar.*

*Konkluzjoni*

*Is-sur Grech ibati minn kundizzjoni psikotika li aktarx hija relatata jew awmentata b'abbuz tal-alkohol u sustanzi ohra. Din ilha prezenti ghal bosta snin u ghaliha kien jiehu l-kura. B'din il-kundizzjoni s-Sur Grech ghandu t-tendenzi ta' paranoia, li jigifieri deluzjonijiet illi n-nies qieghdin jghidu fuqu jew jidhqu bih, li m'humiex sostanzjati. Fil-passat kellu sitwazzjonijiet ta' aggressjoni marbutin ma' din il-kondizzjoni. Il-fatt illi r-reati saru kollha fi zmien qasir bejn xulxin u kollha relatati ma' individwu wiehed, u li huwa ta' certa gravita, u li saru bla provokazzjoni. Jiena wasalt ghal konkluzjoni, wara li ezaminajt il-fatti kollha li hemm probabilita kbira li f'dawk iz-zminijiet l-imputat kien psikotiku."*[15]

24. Fix-xhieda tieghu, Dottor George Debono jispjega hekk:

*"… … (G)hax jekk dan* [Baldacchino] *ghamillu xi haga u jrid ipattijilu mela kissirlu l-ewwel haga l-bieba tal-ghalqa, mbaghad kissirlu l-karozza, wara ftit jigifieri sens hi li wahda wara l-ohra qisu ma strahx jigifieri mbaghad meta tara il-ghala ssib li ma kien hemm xejn il-ghala. Issa meta naslu ghal ahhar punt meta saret l-isparatura dan jumejn qabel l-isparatura kien diga kellu kwistjoni mal-Pulizija meta ghamel ir-rapport illi qed jigi rrikatat u qaluli* [sic] *bic-cajt u mbaghad wara jumejn mar jispara jigifieri normalment bniedem ma jaghmilx hekk wara jumejn, ghax jaf zgur li kulhadd ha jahseb fih and yet ghamilha, jigifieri jien wasalt fil-konkluzjoni li probabbli hemm probabbilita kbira li dan kien psychotic … …*

*Kien jaf x'qed jaghmel imma ma kienx kapaci jieqaf ghax tkun bi tnejn, imma kien jaf x'qed jaghmel, u hafna minnha jigifieri r-reazzjoni ghax-xorb illu hu ghandu ma jaccetax li ghandu problema pero qalli lest li ha jiehu l-kura."*[16]

25. Hija rilevanti wkoll ix-xhieda tal-Probation Officer Ritienne Sultana Grech fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2021, fejn qalet hekk:

---

[15] Ara fol. 371-372 tal-process.
[16] Ara fol. 364-365 tal-process.

*"Issa jien tkellimt mal-imputat il-bierah u ddiskutejna ftit ukoll fuq is-sahha mentali tieghu. Jidher li meta hareg mill-habs malli skonta s-sentenza beda jisma' certu vucijiet, u allura b'hekk is-sahha mentali tieghu ma kinietx wahda tajba."*[17]

L-imputat skonta s-sentenza li titkellmet fuqha l-Probation Officer f'April 2021, u r-reati in kwistjoni gew kommessi bejn is-16 ta' Lulju u l-5 t'Awwissu 2021. Mix-xhieda tal-Probation Officer jirrizulta allura li anke wara April 2021 – u perjodu qrib hafna d-dati in kwistjoni - is-sahha mentali tal-imputat ma kinietx wahda tajba, ghax hu kien qed jisma' certu vucijiet.

26. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija konvinta li mill-kumpless tal-provi jirrizulta fuq bazi ta' probabilita, li l-imputat kien qed ibati minn marda tal-mohh li minhabba fiha, fil-mument li kkommetta ir-reati de quo huwa kien priv mill-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dawk l-atti, u cioe kien priv mill-*capacita di volere.* Ladarba gie debitament ippruvat li l-imputat kien fi stat ta' genn fiz-zmien li fih gew kommessi r-reati, isegwi li l-imputat hu ezenti minn kull responsabblita kriminali.

**Konkluzjoni**

27. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-reat kontemplat fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-parti offiza hafret lill-imputat u irrinunzjat ghall-kwerela.

2. tiddikjara li ma ssibx lil imputat hati tar-reati l-ohra kollha kontemplati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-25 t'April 2022, minhabba li kien fi stat ta' genn fil-hin tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati;

3. wara li rat l-Artikoli 525(3) u 623(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat jinzamm taħt kustodja fl-Isptar Monte Carmeli

[17] Ara fol. 149 tal-process.

biex hemmhekk jibqa' taħt kustodja u miżmum skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Saħħa Mentali (Kapitolu 525 tal-Ligijiet ta' Malta) jew kull dispożizzjoni oħra ta' liġi jew leġislazzjoni applikabbli għall-każ, u dawk id-dispożizzjonijiet li għandhom japplikaw ghal dan il-kaz.

28. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju ghas-Sahha Mentali.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**